# Fratellanzi Antiki

**Anthony Schembri**

Fratellanza hija għaqda ta' lajċi li jissieħbu fil-ħidma tal-Knisja, dejjem bil-permess tal-kappillan. L-Isqof japprovaha b'digriet u jsir ukoll statur biex fuqu titmexxa l-Fratellanza bħala organizzazzjoni.

Fil-bidu, xi Fratellanzi kienu bbażati fuq gruppi ta' nies tas-snajja' miġbura flimkien fi ħdan il-Knisja u xi drabi kienu jmorru wkoll Sqallija dwar dawn l-istess snajja' u wkoll jagħtu liċenzji għalihom. Fratellanzi ta' San Mikiel kienu jiġbru fihom negozjanti u tal-ħwienet, ta' San Omobono ħajjata u bejjiegħa tal-ħwejjeġ, ta' San Krispin skrapan, ta' Sant'Elena dawk li jaħdmu l-fidda, ta' San Kożma u San Damjan kienu jirrappreżentaw lit-tobba waqt li dik ta' Santa Katerina kienet tiġbor lill-kurdara. Nistgħu ngħidu wkoll li minn dawn il-fratellanzi kienu aktar tard inħolqu l-'unions' ta' żmienna.

**Fratellanzi Antiki:** Jidher li wħud mill-eqdem Fratellanzi f'Malta kienu dik ta' San Ġużepp fil-Birgu fis-sena 1103, dik tal-Madonna fil-Kastell Sant'Anġlu fl-1445 u oħra Marjana f'Ħ'Attard fl-1541.

**Il-Fratellanza tas-Sagrament:** Fil-Viżta Pastorali tiegħu fl-1575, Mons Dusina waqqaf il-Fratellanzi tas-Sagrament f'diversi parroċċi fosthon fir-Rabat, Malta. Dawn il-Fratellanzi kienu jieħdu ħsieb l-artal Maġġur tal-knisja u daħħlu wkoll id-devozzjoni ta' 40 siegħa adorazzjoni. Aktar tard twaqqfu wkoll fratellanzi tas-Sagrament f'Ħal Balzan fl-1669, fix-Xewkija fl-1690, fl-Isla fl-1715, f'Ħal Luqa fl-1734, fil-Mosta fl-1735, fil-Qrendi fl-1756 u fil-Mellieħa fl-1844, fost diversi postijiet oħra.

**Il-Fratellanza tar-Rużarju:** Meta fl-1571 saret il-battalja navali ta' Lepanto bejn l-Insara u l-Imperu Ottoman, fejn l-Insara ħarġu rebbeħin, nistgħu ngħidu li nbdiet il-Fratellanza tar-Rużarju. Kienu ħafna l-baħħara Maltin li ħadu sehem f'din il-battalja taħt il-bandiera tal-Ordni ta' San Ġwann u kienu l-Patrijiet ta' San Duminku l-promuturi biex din il-Fratellanza xterdet kważi ma'



Malta kollha biex il-poplu jitlob permezz tar-Rużarju, l-aktar fix-xahar ta' Ottubru. Dik tal-Belt Valletta kienet tissejjaħ ukoll tal-'Miżerikordja' għax kienet tieħu ħsieb dawk ikkundannati għall-mewt bil-forka. Twaqqfu oħrajn f'Bormla fl-1624, f'Ħad Dingli fl-1698, fl-Għarb fl-1689, f'Ħal Għargħur fl-1608, fil-Mosta fl-1612 u fil-Mellieħa fl-1594, fost diversi lokalitajiet oħra.

**Il-Fratellanza ta' San Ġużepp:** Din ukoll hija Fratellanza popolari ħafna hawn Malta u tinsab f'diversi parroċċl, fosthom fir-Rabat fl-1508, fil-Belt Valletta fl-1669, fil-Mosta fl-1673 u fil-Mellieħa fl-1907.

F'dan il-ftit tagħrif dwar il-fratellanzi wieħed jista' jieħu ideja ta' dak li bdew missirijietna msieħbin f'ħidma volontarja u fl-istess waqt reliġjuża mal-Parroċċa. Maż-żmien xi wħud minnhom tant kibru li bdew jiċċelebraw diversi festi oħra, kultant ta' natura profana, tant li nħolqu firdiet u diżgwid. Dawn ġew regolati mill-Knisja fl-1935 permezz ta' Kunċilju Reġjonali u reċentement fl-2007 l-istess awtoritajiet tal-Knisja f'Malta stabbilew uniformità fit-tmexxija. Huma xandru statut bażiku għall-fratellanzi u dawn illum jaqgħu taħt is-Segretarjat tal-Lajċi mwaqqaf fil-Kurja tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

Dan it-tagħrif ġie miġbur mill-artiklu "Tagħrif dwar xi Fratellanzi li kellna f'dawn il-Gżejjer" ta' Lorenzo Zahra li deher fil-Ktieb "Festa Santa Marija - Mosta 2010 tas-Soċjeta' Filarmonika Nicolo' Isouard". Ed. Frans Deguara. pp.225-230